**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 202/20/F

**Cedric Fenech Azzopardi**

**vs**

**Tristar Travel Ltd**

Illum, 4 ta' Jannar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar l-24 ta' Diċembru 2020 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar l-4 ta' Jannar 2021 f'idejn ċertu "Hayley Chircop";

Ra li l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għall-udjenza tad-9 ta' Mejju 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Cedric Fenech Azzopardi bil-ġurament;

Ra d-dokumenti eżebiti mir-Rikorrent;

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, u kif spjegat fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' erbgħin Euro (€40) rappreżentanti flus li l-azjenda intimata żammet għaliha bħala "*administration fee*" minn ammont akbar rifuż lir-Rikorrent wara li t-titjiriet li kellu bejn Malta u l-Georgia ġew kanċellati;

Illi bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent u dan minkejja li kellha kull opportunità li kieku riedet;

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li t-talba tar-Rikorrent hija verosimili u ġusta u għalhekk, tistoqq akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' erbgħin Euro (€40.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***